# Kunsill Lokali Mġarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt


## Seduta numru 31 tas-Sitt Leġislatura
## Illum it-Tlieta 12 ta’ Lulju 2011

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Ħruġ ta’ offerti għas-servizz u kwotazzjonijiet*
5. *Affarijiet Mixxellanji*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, il-Viċi-Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said, il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

*Punti mill-Minuti*

1.2 Punt 2.10 – Ġie innutat li dan l-artiklu deher fil-magażin u li Eman Vella ser jitolbu biex jiġi integrat fil-ħarġa li jmiss ta’ Il-Miġbħa.

1.3 Punt 3.1 – Is-Sindku nforma li din il-laqgħa ma’ Mr Sullivan saret u ġiet organizzata wkoll spezzjoni fuq il-post. Fil-ġimgħat li ġejjin ser jiġi evalwat il-proġett u l-permessi relativi għalih kif ukoll ser isir kuntatt mad-Divizjoni tal-Artijiet biex jinbeda l-proċess ta’ Devoluzzjoni ta’ din l-art.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*.

2.3 Memo numru 60/2011 dwar l-iskema EGov : il-Kunsill, għalkemm japprova inizzjattivi simili, ma jħossx li għandu jidħol f' din l-iskema.

2.4 Memo numru 61/2011 dwar taħriġ fuq ICT : Il-Kunsill, għalkemm jaqbel ma inizzjattivi simili, ra li ma kienx hemm l-ebda nominazzjoni x' issir.

2.5 Ittra dwar 'Award for Enterprise 2011' : Il-Kunsill ddeċieda li ma kienx ser jipparteċipa f' din l-iskema.

2.6 Talba għall-dati ta' avvenimenti kulturali : Il-Kunsill ra li ma kienx hemm avvenimenti x' isiru fil-perjodu propost, jiġifieri f' Ottubru u Diċembru.

2.7 Kwotazzjonijiet dwar 'pest control' : il-Kunsill ra ż-żewġ offerti, mingħand il-Comtec u l-Capital Pest Control, u wara li ra li il-Comtec kienu qed joffru prezz aktar vantaġjuż, iddeċieda li jagħzel is-servizz ta' dawn.

2.8 Korrispondenza b' inizzjattiva tal-Aġenżija Żgħażagħ : Il-Kunsilliera Eman Vella u Clayton Gauci ser ikunu qegħdin jieħdu ħsieb u jżommu l-kuntatt bejn l-aġenzija u l-Kummissjoni Żgħażagħ.

2.9 Korrispondenza mingħand veterinarji sabiex isir 'micro-chipping' tal-klieb : Eman Vella ser ikun qiegħed ikellem lil dawn il-veterinarji dwar is-servizzi tagħhom bil-ħsieb ukoll li dan jiġi inkluż fil-ħarġa li jmiss ta' Il-Miġbħa.

2.10 Korrispondenza mill-Ministeru tas-Saħħa dwar il-'parking bays' ta' Triq il-Ħarruba : Is-Sindku innota li dawn is-sinjali għadhom jidhru u għalqadstant ma kienx hemm bżonn ta' intervent urġenti fuqhom. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.11 Korrispondenza mingħand Jeremy Azzopardi ta' Heritage Malta dwar laqgħa mal-bdiewa li jaħdmu l-artijiet qrib il-Banjijiet Rumani : Is-Sindku ser jieħu ħsieb ikellem lil bdiewa biex dawn jitlaqqgħu u jiġu infurmati.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li kienet saret talba mis-Sur Stephen Sammut, f' isem il-Barri Bar and Restaurant, biex isir avveniment fit-triq quddiem il-ħanut tiegħu. Dan ser jinkludi li parti mit-triq tingħalaq u ser tiġi mistiedna banda barranija. Il-Kunsill qabel li ssir

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

din l-attivita' u is-Sindku ser jitkellem mas-Sur Sammut dwar l-arranġamenti meħtieġa.

3.2 Is-Sindku qajjem il-punt dwar l-użu tas-Sala tal-uffiċċju amministrattiv. Semma kif minħabba ċerti problemi li kien hemm fl-aħħar drabi li intużat, kien qed jipproponi li din is-sala tintuża biss mill-għaqdiet tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.3 Eman Vella għamel referenza għall-proposta ta' devoluzzjoni ta' Ta' Darrenzi mingħand id-Divizjoni ta' l-Artijiet, peress li il-kirja annwali proposta issa hija ta' 600 Euro kontra il-250 Euro ta' qabel. Ser tintalab spjegazzjoni dwar dan. Is-Sindku ppropona li l-kuntratt jintbgħat lill-avukat qabel ma' dan jiġi ffirmat.

**4. Ħruġ ta' offerti għas-servizz u kwotazzjonijiet**

4.1 Ġew diskussi il-kwotazzjonijiet miġbura għall-apparat tal-IT, fosthom monitors, keyboards u mouse. Wara li ġew evalwati l-offerti, ġie deċiż li dawn jinxtraw mingħand il-Compunet tal-Mosta, peress li din kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

4.2 Is-Sindku spjega kif ser ikun hemm bżonn li toħroġ talba urġenti għall-offerti għas-servizz ta' Event Coordinator għall-konferenza li kienet ser issir dwar il-proġett Biolmed. Din kienet sejħa li kienet ser toħroġ b' urġenza, peress li din il-konferenza ser issir fi żmien ftit jiem. Dan peress li l-konferma ta' dan l-avveniment dam ma wasal mil-lead-partner fl-Italja u kien biss f' dawn l-aħħar jiem li din il-konferma waslet. Għalhekk wara diskuzzjoni mal-Front Officer Manager tal-proġett, ġie deċiż li toħroġ din it-talba għall-offerti li għandha tinkludi, fost oħrajn, it-trasport matul il-ġranet tal-konferenza, l-ikel ta' nofs in-nhar u ta' filgħaxija, is-siġġijiet għall-matul kors li ser issir bħala parti mill-avveniment, u affarijiet oħra.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll u ddeċċieda li jitħallas il-passaġġ tal-ajru u l-akkomodazzjoni tad-Dottoressa Fioravanti, il-kelliema ewlenija tal-kors dwar iż-żejt taż-żebbuġ li ser issir bħala parti minn din il-konferenza.

**5. Attivitajiet ta' żmien il-festa**

5.1 Il-Kunsill ra li ser isiru l-attivitajiet tal-festa bħas-snin l-oħra. Issemmiet ukoll li ser issir il-Lejla Mġarrija nhar il-Ħadd, 7 ta' Awwissu.

**6. Affarijiet mixxelanji**

6.1 Maria Said ressqet ilment dwar il-frieghi tal-ħaxix ħażin fl-inħawi tal-ġnien tal-Housing Estate. Il-handymen tal-Kunsill ser jintbgħatu jnaddfu l-post.

6.2 Maria Said semmiet ukoll ir-ramel li ċeda' mill-passaġġ tal-Ġnejna u biex il-Kunsill jara kif jista' jirrimedja għalih biex ma jkunx ta' inkonvenjent u ta' periklu.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

6.3 Eman Vella poġġa għad-diskuzzjoni jekk il-ħarġa li jmiss ta' Il-Miġbħa għandiex tiġi ppubblikata qabel il-festa. Intlaħaq qbil biex dan isir. Eman Vella talab li kemm jista' jkun il-kontribuzzjonijiet għandhom jaslu sa' l-aħħar tal-ġimgħa.

6.4 Eman Vella ressaq proposta biex isir bank ieħor taħt il-knisja, peress li t-tnejn li hemm preżentement qed ikunu użatti spiss. Il-Kunsill ddiskuta din il-proposta u qabel li dan iseħħ.

6.5 Clayton Gauci ressaq ilment dwar l-istreet-sweeping fi' Triq il-Kbira u diversi problemi relati ma' dan. Is-Sindku informa li kien ser ikkellem lill-kuntrattur biex dawn il-problemi jissolvew.

6.6 Clayton Gauci staqsa kif inhuma sejrin l-affarijiet fil-kors tad-drama. Ġie nfurmat li l-kors kien miexi tajjeb b' attendenza ta' madwar 10 persuni u feedback pożittiv.

6.7 Is-Sindku semma li l-istudenta Victoria Camilleri kienet ser tagħmel numru ta' sigħat taħdem fix-xogħol amministrattiv tal-Kunsill bħala parti mill-kors li qed tieħu. Is-Sinjorina Sammut ser tkun qed tagħmel total ta' 55 siegħa xogħol.

6.8 Giovanni Gatt informa li crash-barrier fl-inħawi ta' Ta' Mrejnu kienet intlaqtet u hemm bżonn tinbidel.

6.9 Giovanni Gatt ippropona li jsir railing mal-knisja, fuq in-naħa ta' wara. Il-Kunsill qabel li dan isir.

6.10 Giovanni Gatt semma' li hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix ħażin fl-inħawi ta' fejn hemm it-tabella li tagħti merħba ġewwa l-lokalita'.

6.11 Giovanni Gatt ippropona li tintbgħat 'sympathy card' lil Dr Fenech Adami wara l-mewt tas-Sinjura Fenech Adami.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 1 ta' Awwissu 2011 fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku